

9. Id-disa' motiv: il-mekkaniżmu ta' klassifikazzjoni tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63 jikser id-dritt ta' livell ogħla

Il-klassifikazzjoni tar-riskju skont il-Pass 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega twassal għal riżultati manifestament inġusti u konsegwentement tikser il-prinċipju ta' orjentazzjoni fuq il-bażi tal-profil tar-riskju kif ukoll il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament.

(<sup>1</sup>) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettiffika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

## Rikors ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2022 – Max Heinr. Sutor vs SRB

(Kawża T-423/22)

(2022/C 359/98)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrent: Max Heinr. Sutor OHG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Glos, M. Rätz, T. Kreft u H.-U. Klöppel, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-11 ta' April 2022 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2022 għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ES/2022/18), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 5(1)(e) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63 (<sup>1</sup>) peress li l-konvenut ma eskludix il-fondi tal-klijenti miżmuma fuq bażi fiduċjarja mir-rikorrenti mill-kalkolu tal-imposta bankarja għall-2022. L-Artikolu 5(1)(e) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/63 japplika għal dawn il-fondi ta' klijenti protetti mill-insolvenza, sa fejn dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti fattwali skont il-kliem ċar tal-istandard.
2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament Nru 806/2014 (<sup>2</sup>) moqrif flimkien mal-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59/UE (<sup>3</sup>), sa fejn id-deċiżjoni tistabbilixxi imposta bankarja diversi drabi oħħla biss abbażi tal-passiv fiduċjarju mingħajnej riskju muri mir-rikorrenti fil-karta tal-bilanċ tagħha. Id-deċiżjoni la hija xierqa u lanqas neċċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxha mill-imposta bankarja u l-iżvantaġġi kkawżati mid-deċiżjoni ma humiex proporzjonati fil-kuntest tal-għanijiet imfittxha.
3. It-tielet motiv: ksur tal-prinċipju ta' trattament ugħali, peress li d-deċiżjoni tittratta lir-rikorrenti b'mod mhux ugħali, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva, meta mqabbla mal-istituzzjonijiet ta' kreditu li l-istandard ta' kontabbiltà nazzjonali tagħhom ma jeżiġux li jintwera l-passiv fiduċjarju jew li jippreparaw il-kontijiet tagħhom skont l-IFRS (International Financial Reporting Standards), kif ukoll mal-impriżi tal-investimenti li ma humiex awtorizzati jagħixxu wkoll bħala istituzzjoni ta' kreditu u li jiġġestixxu l-fondi tal-klijenti tagħhom.

4. Ir-raba' motiv: ksur tal-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”), sa fejn l-inklużjoni tal-passiv fiduċjarju mingħajr riskju fil-bażi ta’ evalwazzjoni twassal għal żieda sinjifikattiva fl-imposta bankarja tar-rikorrenti għas-sena 2022.
5. Il-ħames motiv: ksur tal-Artikolu 49 TFUE moqri flimkien mal-Artikolu 54 TFUE, sa fejn id-deċiżjoni tirrestrinġi l-libertà tar-rikorrenti li teżerċita l-attività professionali tagħha fl-Istat Membru fejn għandha s-sede prinċipali tagħha, sa fejn din ir-restrizzjoni hija sproporzjonata u sa fejn ir-rikorrenti hija suġġetta għal diskriminazzjoni meta mqabbla mal-impriżi tal-investiment ta’ Stati Membri oħra li huma awtorizzati jaġixxu wkoll bħala stabbiliment ta’ kreditu.
6. Is-sitt motiv: ksur tad-dritt ta’ smiġħ skont l-Artikolu 41(1) u (2)(a) tal-Karta, sa fejn il-konvenut impona fuq ir-rikorrenti terminu għal konsultazzjoni insuffċienti, ta’ ħdax-il jum ta’ xogħol biss, sabiex teżamina l-abbozz ta’ deċiżjoni u tagħmel osservazzjonijiet fl-ambitu tal-konsultazzjoni.
7. Is-seba' motiv: Ksur tal-Artikolu 41(1) u (2)(c) tal-Karta kif ukoll tal-Artikolu 296(2) TFUE, sa fejn il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma tippermettix lir-rikorrenti tivverifika b'mod xieraq l-ammont tal-kontribuzzjoni tagħha.
8. It-tmien motiv: ksur tal-prinċipju ta’ protezzjoni ġuridika effettiva previst fl-Artikolu 47(1) tal-Karta, sa fejn in-nuqqas ta’ motivazzjoni ma jippermettix lir-rikorrenti tifhem jew tikkontesta korrettament ir-regolarità tad-deċiżjoni.
9. Id-disa' motiv (sussidjarjament): nullità tal-bażi ta’ evalwazzjoni prevista fl-Artikolu 14(2), fil-punt 11 tal-Artikolu 3, moqrija flimkien mal-Artikolu 5(1)(e) u mal-punt 2 tal-Artikolu 3 tar-Regolament ta’ Delega (UE) 2015/63, fil-każi li din tiġi interpretata fis-sens li l-passiv fiduċjarju ta’ impriżi tal-investiment li huma awtorizzati jaġixxu wkoll bħala istituzzjoni ta’ kreditu għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-imposta bankarja, minħabba ksur tal-Artikolu 103(7) tad-Direttiva 2014/59/UE kif ukoll tal-prinċipju ta’ trattament ugħwali, tal-Artikolu 16 tal-Karta u tal-Artikolu 49 TFUE moqrija flimkien mal-Artikolu 54 TFUE.

(<sup>1</sup>) Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta’ Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjoniex ex ante għall-arranġamenti ta’ finanzjament ta’ riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifikasi fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

(<sup>2</sup>) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjoniex ta’ kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta’ Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

(<sup>3</sup>) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 li jistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjoniex ta’ kreditu u ditti ta’ investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

## Rikors ippreżentat fis-6 ta’ Lulju 2022 – Nordea Kiinnitysluottopankki vs SRB

(Kawża T-431/22)

(2022/C 359/99)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Nordea Kiinnitysluottopankki Oyj (Helsinki, il-Finlandja) (rappreżentanti: H. Berger u M. Weber, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneralji jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tas-SRB tal-11 ta’ April 2022, dokument Nru SRB/ES/2022/18, inkluż Annessi I, II u III, sa fejn tikkonċerna kontribuzzjoniex ex-ante tar-rikorrenti; u
- tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż.